MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 283/2008

**Talba Nru: 283/2008VGD**

Vodafone Malta Limited (C-10865).

Vs

Donna Lisa Debono

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' erba mija u erbghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€440.81) minghand il-konvenuta, in konnessjoni ma mobile phone bin-numru 99003333. Il-konvenuta giet interpellata sabiex thallas

diversi drabi izda baqghet inadempjenti. Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma l-Avviz u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' erba mija u erbghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€440.81), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------